# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Dicembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 885/01mm**

**Borg & Aquilina Limited**

**vs**

**Anthony Borg**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u disgha u erbghin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,449.25) dovuta lill-kumpanija attrici bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lil konvenut fuq ordni ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 2633/01CX, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-26 ta' Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Anthony Zammit**

**Deputat Registratur**